



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgo, is-26 ta' April 2022

# Il-proprietà intellettuali mhijiex kompletament protetta fl-UE

Id-drittijiet ta' proprietà intellettuali għandhom rwol kbir f'ekonomija bbażata fuq l-għarfien: jiżguraw li n-negozji u d-disinjaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-kreazzjonijiet tagħhom. Huma jipprovd wkoll aċċertamenti lill-konsumaturi f'termini ta' kwalità u sigurtà. Iżda f'rapport speċjali li ġie ppubblifikat illum, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri twissi li l-qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tal-proprietà intellettuali muwiex effettiv daqskemm jista' jkun. Għalkemm il-qafas fis-seħħi jagħti xi garanziji, fadal għadd ta' nuqqasijiet, b'mod partikolari fid-Direttiva tal-UE dwar id-Disinji u l-mekkaniżmu tat-tariffi tal-UE. L-awdituri jenfasizzaw ukoll il-fatt li s-sistemi tal-UE u dawk nazzjonali jaħdnu aħjar jekk ikunu allinjati aħjar.

Id-drittijiet ta' proprietà intellettuali (DPI) huma kruċjali għall-kompetittività globali tal-UE. L-industriji intensivi fid-DPI jiġi generaw kważi nofs (45%) l-attività ekonomika tal-UE, b'valur ta' EUR 6.6 triljun, u jipprovd kważi terz (29%) tal-impieg totali tal-UE. Kull sena, il-prodotti foloz huma stmati li jwasslu għal EUR 83 biljun f'bejgħ mitluf fl-ekonomija leġittima. Li kieku l-problema ta' prodotti foloz kellha tiġi indirizzata b'mod effettiv, l-ekonomija tal-UE tiggħadha 400 000 impieg, skont stima reċenti tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO). Il-prodotti foloz għandhom ukoll riskji konsiderevoli għas-sikurezza, kif intwera reċentement matul il-pandemja tal-COVID-19. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni Ewropea, korpi oħra tal-UE bħall-EUIPO, u l-awtoritajiet tal-Istati Membri jagħmlu sforz konsiderevoli biex jiżguraw li d-drittijiet ta' proprietà intellettuali jiġu rispettati fis-suq uniku tal-UE.

*“Id-drittijiet ta’ proprietà intellettuali huma essenziali għall-ekonomija tal-UE: huma jinkoraġġixxu l-innovazzjoni u l-investimenti, u jiskoraġġixxu l-kontrafazzjoni u l-effetti dannużi tagħha”, qalet Ildikó Gáll-Pelcz, il-Membru tal-QEA responsabbi mill-awditu. “Iżda l-qafas attwali tal-UE ma jagħtix id-drittijiet ta’ proprietà intellettuali kollha l-protezzjoni li jeħtieġu. Aħna nittaw li r-rakkmandazzjoni tagħna jgħinu lill-UE biex iżżejjid dak il-livell ta’ protezzjoni għal-livell li huwa meħtieġ mis-suq uniku.”*

L-awdituri josservaw li hemm fis-seħħi miżuri leġiżlattivi u miżuri ta' appoġġ biex jipproteġu trademarks tal-UE. Iżda fl-istess ħin, huma jindikaw nuqqasijiet fid-Direttiva tal-UE dwar id-Disinji, li hija mistennija li jkollha effett indaq fl-UE. Kif inhu bħalissa, il-qafas regolatorju tal-UE għad-disinji la huwa komplet u lanqas ma huwa aġġornat. B'rīżultat ta' dan, is-sistemi nazzjonali u sistemi tal-UE mhumiex allinjati, u b'hekk jippermettu prattiki diverġenti bejn l-Istati Membri matul il-proċessi ta' applikazzjoni, eżaminar, pubblikazzjoni u reġistrazzjoni. Dan iwassal għal inċertezza legali. Barra minn hekk, l-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għan-nuqqas ta' régim ta'

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport shiħi huwa disponibbli fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

protezzjoni fl-UE kollha għall-prodotti kollha. Il-qafas ta' indikazzjoni ġeografika tal-UE ma jikkonċernax il-prodotti mhux agrikoli, bħas-snajja' u d-disinji industrijali, għalkemm xi Stati Membri għandhom leġiżlazzjoni fis-seħħ biex tipprotegħihom.

L-awdituri għandhom dubju wkoll dwar il-mekkaniżmu tat-tariffi tal-UE, billi osservaw disparitajiet sinifikanti bejn it-tariffi tal-UE u dawk it-tariffi li jiġu imposti mill-awtoritajiet nazzjonali. Huma sabu li l-istruttura tat-tariffi għad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali tal-UE ma tirriflettix l-ispejjeż reali. Filwaqt li jeżistu kriterji għall-iffissar tat-tariffi fil-livell tal-UE, l-awdituri jqisu li ma hemm l-ebda metodu ċar biex l-istruttura u l-ammont tagħhom jiġu ddeterminati, u dan jirriżulta f'livell eċċessiv ta' tariffi li jiproduċi surpluses akkumulati ('il fuq minn EUR 300 miljun fil-kontijiet tal-EUIPO għall-2020). L-awdituri jenfasizzaw li dan imur kontra l-prinċipju ta' baġit ibbilanċjat kif stipulat fid-dritt tal-UE.

Għalkemm hemm fis-seħħ qafas ta' infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali tal-UE, li ġeneralment jaħdem sew, l-awdituri jenfasizzaw xi nuqqasijiet fl-implementazzjoni tiegħu. B'mod partikolari, id-Direttiva dwar l-Infurzar tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali mhijiex applikata b'mod uniformi fl-UE kollha, għalhekk hija tonqos milli tiżgura livell konsistentement għoli ta' protezzjoni tal-proprietà intellettuali fis-suq intern. Id-dgħufijiet u l-inkonsistenzi fil-kontrolli doganali fl-Istati Membri jaffettwaw ukoll b'mod negattiv l-infurzar u l-ġlieda kontra l-oġġetti foloz. Il-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali fl-UE għalhekk tvarja skont il-post ta' importazzjoni. L-awdituri josservaw ukoll li jeżistu prattiki differenti fi ħdan l-UE għall-qrerda tal-oġġetti foloz, u jwissu li dawn jistgħu jwasslu lill-kontrafatturi biex jimpurtaw l-oġġetti tagħhom fl-UE f'postijiet b'kontrolli u sanzjonijiet inqas stretti.

## Informazzjoni ġenerali

Il-qafas regolatorju tal-UE għad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali huwa bbażat fuq regolamenti u direttivi tal-UE, kif ukoll fuq ftehimiet internazzjonali li jeżistu dwar il-proprietà intellettuali. Huwa għandu l-ġhan li jipprovdhi protezzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE billi joħloq sistema unika tal-UE li tikkonsisti mid-drittijiet ta' proprjetà intellettuali tal-UE u dawk nazzjonali.

Ir-Rapport Speċjali 6/2022, “*Id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali tal-UE – Ma hemmx protezzjoni sħiħa*”, huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)).

Fl-2019, il-QEA ppubblikat ukoll Opinjoni dwar ir-regolament finanzjarju propost tal-kumitat tal-baġit tal-EUIPO li fiha appellat għal użu produttiv tal-fondi fil-bilanċ pożittiv.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lill partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industria u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li jsiru fir-rapporti jiddaħħlu fil-prattika.

## Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Vincent Bourgeais: [vincent.bourgeais@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeais@eca.europa.eu) – M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) – M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) – M: (+352) 691 553 547